# 159. Malta

Sema mimli bid-dawl u arja pura
f'nofs il-Mediterran; baħar kaħlani;
għoljiet bid-deheb tal-qamħ u n-nar tas-silla,
u blat imtektek bil-ħarrub ħadrani

Maħbut minn l-erba' rjieħ; daħliet imżewqa
bħas-sider tal-ħamiem, fejn ġew imkenna
l-iġfna tal-ġnus il-kbar li ħakmu d-dinja;
ġol-arja daqq ta' qniepen, fwieħa u benna

Taż-żahar tal-larinġ, għana ta' bliebel;
u knejjes qodma u sbieħ u swar qawwija
idawru l-bliet, fejn tkissru lkoll l-egħdewwa
taċ-ċiviltà u tad-demokrazija.

L-Istorja għammret hawn f'kull żmien t'għomorha:
hawn Alla ġie meqjum f'kull żmien, f'kull ħin.
Ja Xemx imġarrba, qatt fis-safar tiegħek
ilmaħt u żort u xgħelt gżira bħal din?